

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġeneral ta' Settembru 2019 – Scandlines Danmark u Scandlines Deutschland vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-566/19 R)

(*Talba għal miżuri provviżorji – Għajnuna mill-Istat – Proroga tat-terminu – Assenza ta' interess*)

(2019/C 413/67)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Scandlines Danmark ApS (Kopenhagen, id-Danimarka), Scandlines Deutschland GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Sandberg-Mørch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Georgieva-Kecsmar u S. Noë, aġenti)

**Suġġett**

Talba, abbażi tal-Artikoli 278 u 279 TFUE, intiża għas-sospensjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali fil-każ ta' ghajjnuna mill-Istat SA.39078 (2019/C) (ex 2014/N) – Id-Danimarka – Il-finanzjament tal-proġetti tal-Konnessjoni Fissa tal-Fehmarn Belt (ĠU 2019, C 226, p. 5).

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
  - 2) L-ispejjeż huma rriżervati.
- 

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Settembru 2019 – ENIL Brussels Office et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-613/19)

(2019/C 413/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: European Network on Independent Living Brussels Office (ENIL Brussels Office) (Brussell, il-Belġju), Validity Foundation (Budapest, l-Ungaria), Center for Independent Living - Sofia (Sofija, il-Bulgarja) (rapprezentanti: B. Van Vooren and Ł. Gorywoda, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti jitkolbu li l-Qorti Ġeneral i-jogħġobha:

- tannulla att tal-Kummissjoni li jirrifjuta li jagħmel interruzzjoni tad-dati ta' skadensa għall-ħlas jew li jissospendi pagamenti marbuta mas-Seqħha għal Proposti BG16RFOP001-5 002 "Appoġġ għad-deistituzzjonalizzazzjoni ta' servizzi għall-anzjani u persuni b'diżabbilta" taħt l-Assi Prioritarju 5 "Infrastruttura Soċjali Reġjonali" tal-Programm Operazzjonali "Reġjuni fi Tkabbi";